# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

### Illum l-24 ta' Novembru, 2015

**Rikors Numru 433/2012 SM**

**Frederick Attard**
**(I.D. 716456 M)**

**vs.**

***Malta International Airport p.l.c.* u**
**Anthony Degiovanni, Alfred Mallia Milanes,**
**Charles Magro u Franco Masini ghal kull**
**interess li jistà jkollhom.**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat promotur datat it-30 t'April, 2012, li permezz tieghu ir-rikorrenti sintetikament espona is-segwenti:

1.1. Illi hu impjegat tas-socjetà intimata fuq indikata u ilu hekk impjegat mill-1 ta' Jannar, 1992;

1.2. Illi l-impjieg tieghu hu regolat bil-ftehim kollettiv iffirmat bejn l-istess socjetà intimata u l-*General Workers Union* u l-Union Haddiema Maghqudin, datat it-13 ta' Gunju, 2008, (ara foll 11 *et sequitur*);

1.3. Illi l-istess ftehim kollettiv jirregola l-Procedura dwar l-Amministrazjoni tad-Dixxiplina, ffirmat fit-2 ta' Novembru, 2010, (ara foll 55 *et sequitur*);

1.4. Illi flimkien, il-ftehim kollettiv u l-Procedura dwar l-Amministrazzjoni tad-Dixxiplina, jifformaw r-relazzjoni kontrattwali li r-rikorrenti ghandu mas-socjetà intimata;

1.5. Illi l-ftehim kollettiv jippreskrivi li fi kwalunkwe procedura dixxiplinari, kemm f'Bord ta' Dixxiplina, kif ukoll fl-Appell, din ghandha tkun konformi mall-principji ta' gustizzja naturali, (ara klawsola numru 5.3. a foll 62);

1.6. Illi r-rikorrenti ghandu pendenti proceduri dixxiplinari fil-konfront tieghu istitwiti mis-socjetà intimata;

1.7. Illi l-proceduri *de quo* inbdew permezz t'ittra datata l-14 ta' Marzu, 2011;

1.8. Illi l-Bord ta' Dixxiplina tà zewg (2) decizjonijiet preliminari datati d-29 ta' Marzu, 2011, (ara foll 129), u t-8 ta' Gunju, 2011, (ara foll 133), u decizjoni finali datata l-31 ta' Jannar, 2012, (ara foll 136);

1.9. Illi l-Bord ta' Dixxiplina kien kompost minn Alfred Mallia Milanes, appuntat mis-socjetà intimata, Charles Magro appuntat mill-*Unions*, u l-president ta' l-istess Bord kien Franco Masini, appuntat ukoll mis-socjetà intimata minn fost lista ta' persuni miftehma bejn is-socjetà intimata u l-*Unions*, (ara klawsola numru 5.2. a foll 62);

1.10. Illi r-rikorrenti intavola appell mid-decizjoni tal-Bord ta' Dixxiplina;

1.11. Illi l-Bord ta' l-Appell kien kompost minn Anthony Degiovanni wkoll maghzul mis-socjetà intimata, (ara klawsola numru 5.2. a foll 62);

1.12. Illi jezisti ftehim bejn is-socjetà intimata u l-*Unions* li l-ghazla ta' *chairman* hi biss bejn Franco Masini u Anthony Degiovanni;

1.13. Illi ghalhekk jirrizulta li dawn it-tnejn jistharrgu d-decizjonijiet ta' xulxin billi meta wiehed jinhatar *chairman* mis-socjetà intimata fuq il-Bord, l-iehor ikun mahtur *chairman* fl-istadju t'Appell, u *vice versa*;

1.14. Illi fil-Bord ta' Dixxiplina, r-rikorrenti kien issolleva eccezzjoni fil-konfront t'Alfred Mallia Milanes billi waqt li dan kien konsulent tas-socjetà intimata ghal dak li ghandu x'jaqsam ma kwistjonijiet ta' relazzjonijiet industrijali kien wkoll maghzul mill-istess socjetà bhala arbitru biex jiddeciedi akkuza imressqa mill-istess socjetà;

1.15. Illi l-eccezzjoni sollevata fil-paragrafu precedenti kienet giet respinta permezz ta' sentenza datata d-29 ta' Marzu, 2011, (ara foll 129);

1.16. Illi fil-Bord ta' l-Appell ir-rikorrenti kien qajjem eccezzjoni fil-konfront tal-president tal-istess Bord Anthony Degiovanni u dan, billi l-istess persuna hawn indikata già kienet membru ta' Bord ta' Dixxiplina fuq akkuza separata li s-socjetà intimata kienet intavolat kontra r-rikorrenti u li fuq l-istess Bord Degiovanni kien già mahtur arbitru;

1.17. Illi l-eccezzjoni hemm sollevata mir-rikorrenti odjern kienet deciza minn Anthony Degiovanni bhala Bord ta' l-Appell, fis-6 t'April, 2012, (ara foll 141 *et sequitur*);

1.18. Illi r-rikorrenti sofra ingustizzja fl-impjieg tieghu ghal snin twal u baqà hekk isofriha s'issa;

1.19. Illi konsegwenza ta' l-istess ir-rikorrenti kien ukoll beda proceduri quddiem it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' l-Ingustizzji f'kawza fl-ismijiet Frederick Attard vs. Ministru ghat-Trasport u Portijiet et, numru 1026/1997;

1.20. Illi l-istess Tribunal ddecieda l-kaz bis-sentenza tieghu datata d-9 t'April, 2003, li stabbiliet: (ara foll 66)

1.20.1. Illi r-rikorrenti kien qieghed isofri ingustizzja;

1.20.2. Illi kien rakkomandat li r-rikorrenti jinghata rimedju kompensattiv;

1.20.3. Illi dan kien jikkonsisti:

1.20.3.i. Illi jinghata l-kariga ta' *Air Terminal Executive* b'effett mill-1992; u

1.20.3.ii. Illi jitpogga fil-lista ta' *seniority* daqs li kieku ha l-promozzjoni dakinhar;

1.20.3.iii. Illi jithallas id-differenza riskonstrata fil-paga;

1.21. Illi però d-decizjoni tat-Tribunal *de quo* ghada ma gietx inwettqa;

1.22. Illi in fatti, s-socjetà intimata tirrifjuta li tirrikonoxxi l-istess decizjoni;

1.23. Illi f'anqas minn erbà gimghat mill-istess decizjoni tat-Tribunal, ir-rikorrenti kien gie sospiz mix-xoghol bix-xift u kien imqieghed fuq nofs paga;

1.24. Illi l-arbitri li kienu ddecidew l-akkuza rigwardanti cajta fuq il-post tax-xoghol kienu Alfred Mallia Milanes bhala president u bhala membri kien hemm Anthony Degiovanni u Alfred Vella appuntati mis-socjetà intimata u mill-*General Workers Union* rispettivament;

1.25. Illi bid-decizjoni taghhom datata t-28 t'Awwissu, 2003, kienu sabu r-rikorrenti hati, (ara foll 95);

1.26. Illi r-rikorrenti intavola appell mill-istess decizjoni quddiem il-Bord ta' l-Appell li bid-decizjoni tieghu datata s-7 ta' Marzu, 2005, iddecieda li r-rikorrenti ma kien ikkommetta l-ebda offiza, (ara foll107);

1.27. Illi *nonostante* li skont il-ftehim kollettiv vigenti fil-perjodu li kien jistipula li l-passi dixxiplinari pendenti l-appell ikunu sospizi, r-rikorrenti xorta kien suggett ghall-passi dixxiplinari inkluz l-allontanament forzat, (*"forced vacation leave"*) u sospensjoni tas-salarju;

1.28. Illi in vista ta' l-istess ir-rikorrenti kien kostrett jirrapporta dawn il-passi dixxiplinari lid-Dipartiment tax-Xoghol li kien ha passi kontra c-*"Chairman"* tas-socjetà intimata Peter Bolech;

1.29. Illi kien biss wara li nharget id-debita akkuza fir-rigward li s-socjetà intimata hallset l-arretrati salarjari lir-rikorrenti;

1.30. Illi hemm proceduri ohra pendenti bejn ir-rikorrenti u s-socjetà intimata;

1.31. Illi fil-kaz fl-ismijiet Frederick Attard vs. *Malta International Airport p.l.c.*, rikors numru 327/2006 ir-rikorrenti talab il-hlas ta' parti mis-salarju li ma kienx lilu mhallas bejn il-5 ta' Mejju, u t-22 ta' Settembru, 2003, u *allowances*, bonus u aggustamenti skont l-gholi tal-hajja ghall-istess perjodu;

1.32. Illi din il-procedura giet deciza fit-23 ta' Frar, 2009, (ara foll 148);

1.33. Illi wara appell li gie deciz mill-Qorti ta' l-Appell fis-27 t'April, 2012, (ara foll 165), ir-rikorrenti kellu jithallas l-ammont ta' €3,004.50;

1.34. Illi r-rikorrenti, flimkien m'ohrajn, istitwixxa wkoll proceduri quddiem it-Tribunal Industrijali, numru 2326/2005, kontra s-socjetà intimata, li kienu decizi fis-27 t'Ottubru, 2006, (ara foll 113);

1.35. Illi llum hemm zewg kazi pendenti bejn ir-rikorrenti u s-socjetà intimata quddiem it-Tribunal Industrijali;

1.36. Illi *stante* li l-proceduri migjuba kontra r-rikorrenti jilledu l-principji tal-gustizzja naturali, r-rikorrenti kellu jadixxi din il-qorti biex l-intimati jkollhom l-opportunità jghidu ghaliex din il-qorti m'ghandiex:

1.36.1. Tiddeciedi li l-fatti fuq esposti jammontaw ghal ksur tal-ftehim kollettiv u tal-procedura dwar l-amministrazzjoni ta' dixxiplina li jifforma parti integrali mill-istess ftehim kollettiv billi jmorru kontra l-obbligu hemm miftiehem li kwalunkwe bord ta' dixxiplina hu marbut bil-principji tal-gustizzja naturali;

1.36.2. Thassar u tiddikjara nulla d-decizjoni moghtija mill-Bord ta' Dixxiplina fid-29 ta' Marzu, 2011, 8 ta' Gunju, 2011, u anke dik moghtija mill-istess Bord fil-31 ta' Jannar, 2012;

1.36.3. Thassar u tiddikjara nulla d-decizjoni moghtija mill-Bord ta' l-Appell fis-6 t'April, 2012;

1.36.4. Tillikwida d-danni sofferti mir-rikorrenti b'konsegwenza ta' l-imsemmija ksur tal-ftehim kollettiv;

1.36.5. Bl-ispejjez kontra l-intimati;

2.0. Rat ir-risposta guramentata datata t-28 ta' Mejju, 2012, li permezz taghha l-intimat Degiovanni sintetikament espona is-segwenti:

2.1. Illi hu mhux il-legittimu kontradittur *stante* li l-proceduri mehuda fil-konfront tieghu ttiehdu mis-socjetà intimata;

2.2. Illi ma tezisti l-ebda relazzjoni guridika bejn ir-rikorrenti u l-intimat odjern, *nonostante* li biex jespleta d-doveri tieghu kellu jiddetermina proceduri dixxiplinari mehuda fil-konfront tar-rikorrenti;

2.3. Illi l-istess dokumentazzjoni kopjuza pprezentata mir-rikorrenti turi relazzjoni guridika biss mas-socjetà intimata;

2.4. Illi d-decizjoni tal-Bord t'Appell datata s-6 t'April, 2012, (ara foll 141), hi wahda legittima, sostenuta u ben notivata;

2.5. Illi tali decizjoni hi appellabbli biss quddiem it-Tribunal Industrijali;

2.6. Illi r-rekwiziti kontemplati fil-klawsola numru 5.3. tal-Procedura surriferita fir-rikors guramentat promotur gew osservati fl-ghoti tad-decizjoni;

2.7. Illi t-talbiet tar-rikorrenti ma jinkwadrawx lill-intimat odjern *di più*, *stante* li lanqas biss hu parti mill-ftehim kollettiv in dizamina;

2.8. Illi ghalhekk bl-ebda mod m'ghandu jirrispondi ghat-talbiet tar-rikorrenti li allura ghandhom jigu michuda;

2.9. Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti;

2.10. Salv risposti ulterjuri;

3.0. Rat ir-risposta guramentata datata d-29 ta' Mejju, 2012, li permezz taghha s-socjetà intimata sintetikament irrispondiet bil-mod segwenti:

3.1. Illi t-talbiet tar-rikorrenti huma infondati *stante* li ma kien hemm l-ebda ksur ta' l-obbligi kontrattwali min-naha taghha;

3.2. Illi mxiet skont il-ftehim kollettiv;

3.3. Illi ma kien hemm l-ebda nuqqas t'imparzjalità jew indipendenza tac-*Chairman* tal-Bord ta' l-Appell dixxiplinari;

3.4. Illi l-proceduri dixxiplinari in dizamina ma jimponu l-ebda obbligu fuq is-socjetà intimata;

3.5. Illi *di più*, t-talbiet tar-rikorrenti huma bbazati fuq premessi zbaljati jew irrelevanti, u huma fattwalment inkorretti;

3.6. Illi mhix responsabbli ghal danni kif allegat mir-rikorrenti, *stante*:

3.6.1. Illi ma kisret l-ebda obbligu; u

3.6.2. Lanqas agixxiet b'negligenza;

3.7. Illi c-*Chairmen* appuntati ma jigux maghzula mis-socjetà intimata unilateralment;

3.8. Illi l-ghazla ta' l-istess *Chairmen* bl-ebda mod ma timpingi fuq l-imparzjalità u l-indipendenza taghhom jew tal-membri l-ohra involuti;

3.9. Illi ghalkemm hi taghzel lic-*Chairmen* involuti però, l-ghazla ssir minn fost persuni specifikament maqbula *a priori* mall-*unions* involuti u dan, skont il-Procedura ta' Dixxiplina, (ara paragrafi numru 5.1.1. u 5.2. a foll 62);

3.10. Illi l-partijiet kollha involuti fil-ftehim kollettiv kienu qabblu li Franco Masini u Anthony Degiovanni jkunu l-ewwel zewg persuni li jiffurmaw parti minn dan il-grupp hemm riferit;

3.11. Illi m'hemm l-ebda rabta li dawn iz-zewg persuni jibqghu l-unici zewg individwi involuti fl-istess;

3.12. Illi ghalhekk effettivament ma ssir l-ebda ghazla sostantiva ghaliex l-ghazla hi li jkun maghzul individwu bil-kwalitajiet necessarji li jservi f'dawn il-Bordijiet, u dan, bi qbil mall-*unions* u mhux unilateralment mis-socjetà intimata;

3.13. Illi minn Frar, 2011, kemm ilhom ghaddejjin il-proceduri, r-rikorrenti qatt ma qajjem kwistjonijiet ta' ksur ta' obbligi kuntrattwali jew nuqqas ta' imparzjalità;

3.14. Illi s-socjetà intimata imxiet b'mod korrett mall-Procedura ta' Dixxiplina f'kull aspett tal-procedura;

3.15. Illi ftehim kollettiv hu kuntratt validu u enforzabbli li ghandu sahha ta' ligi bejn il-partijiet;

3.16. Illi *union* rikonoxxuta firmatarja ta' ftehim kollettiv ma torbotx biss lilha nnifisha izda anke lill-impjegati membri taghha, flimkien ma impjegati ohra mhux membri ta' l-istess *union*, jew membri ta' *union* mhux rikonoxxuta;

3.17. Illi s-socjetà intimata ma tistax tinstab li kisret il-principji ta' gustizzja naturali *stante*:

3.17.1. Illi l-Bord ta' Dixxiplina u l-Bord ta' l-Appell gew maghzula skont il-Procedura ta' Dixxiplina;

3.17.2. Illi l-obbligu kontenut fil-paragrafu 5.3. tal-Procedura ta' Dixxiplina, (ara foll 62) ma jimponi l-ebda obbligu fuq is-socjetà intimata;

3.18. Illi l-allegazzjoni li la r-rikorrenti mhux membru tall-*unions* firmatarji tal-ftehim allura hu mhux legittimament rapprezentat hi allegazzjoni fiergha;

3.19. Illi l-iskop tar-rapprezentanza tal-*unions* hu proprju biex iharsu l-interessi tal-haddiema – irrispettivament ikunux membri taghhom jew le;

3.20. Illi l-hatra tac-*Chairmen* u tal-membri tal-Bordijiet in dizamina la jiksru:

3.20.1. Il-principji ta' gustizzja naturali, u

3.20.2. Lanqas ir-rekwiziti t'indipendenza w imparzjalità;

3.21. Illi l-proceduri l-ohra li r-rikorrenti jirreferi ghalihom, senjatament:

3.21.1. Dawk quddiem it-Tribunal ghall-Investigazzjoni t'Ingustizzji;

3.21.2. Dawk ghall-hlas ta' salarju u danni, u

3.21.3. Dawk quddiem it-Tribunal Industrijali;

Huma ghal kollox irrilevanti;

3.22. Illi fil-konfront tal-ftehim kollettiv m'hemm l-ebda ksur ta' xi disposizzjoni ta' l-istess;

3.23. Illi ghalhekk m'hemm l-ebda raguni biex jithassru d-decizjonijiet tal-Bord ta' Dixxiplina u tal-Bord ta' l-Appell;

3.24. Illi rigward id-danni rikjamati mir-rikorrenti jinghad li dan ghandu jghid f'hiex jikkonsistu dawn id-danni allegatament sofferti minnhu;

3.25. Illi *di più*, ir-rikorrenti intavola wkoll rikors ghall-mandat t'inibizzjoni fil-konfront tas-socjetà intimata, liema rikors gie respint permezz ta' digriet datat il-21 ta' Mejju, 2012, (ara foll 204);

3.26. Illi in vista tal-premess, it-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu respinti;

4.0. Rat ir-risposta guramentata datata t-30 ta' Mejju, 2012, li permezz taghha l-intimati Magro, Mallia Milanes u Masini sintetikament esponew is-segwenti:

4.1. Illi preliminarjament ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju *stante* li mhumiex il-legittimi kontraditturi;

4.2. Illi s-sehem li huma kellhom fil-procedura dixxiplinari kien is-segwenti:

4.2.1. Illi kienu mahtura bhala Bord ta' Dixxiplina ta' *prim' istanza*;

4.2.2. Illi dmirhom temmewh f'Jannar, 2012;

4.3. Illi mhux minnu li dan jammonta ghal ksur tal-ftehim kollettiv u tal-procedura dixxiplinari in dizamina;

4.4. Illi mhux minnu li ma kienux independenti w imparzjali;

4.5. Illi mhux minnu li ma mxewx b'ingustizzja naturali;

4.6. Illi l-prova ghall-allegat ksur tinkombi fuq ir-rikorrenti;

4.7. Illi ghalhekk it-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu respinti *stante* li infondati;

4.8. Salv risposti ulterjuri;

4.9. Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti u b'riserva ghal kull azzjoni ghad-danni lilhom spettanti;

5. Rat id-digriet taghha datat it-12 ta' Marzu, 2015, li permezz tieghu, fuq talba ta' l-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet

kollha, awtorizzat lill-istess biex jittrattaw il-kaz bil-modalità u fit-termini hemm indikati, (ara foll 622);

6. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti datata l-4 ta' Mejju, 2015, (ara foll 624), flimkien ma' dik ta' l-intimat Anthony Degiovanni datata it-28 ta' Mejju, 2015, (ara foll 637), tas-socjetà intimata *Malta International Airport p.l.c.*, datata id-9 ta' Gunju, 2015, (ara foll 649), u dik ta' l-intimati Charles Magro, Alfred Mallia Milanes u Franco Masini datata t-30 ta' Gunju, 2015, (ara foll 664);

7. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet responsiva tar-rikorrenti datata s-6 ta' Lulju, 2015, debitament awtorizzata bid-digriet datat it-30 ta' Gunju, 2015, (ara foll 662 u 664), flimkien man-nota ta' sottomissjonijiet ulterjuri tas-socjetà intimata datata t-13 ta' Lulju, 2015, (ara foll 674);

8. Semghet ix-xhieda prodotta;

9. Ezaminat id-dokumenti esebiti inkluzi d-dikjarazzjonijiet guramentati prodotti;

10. Semghet it-trattazzjoni orali finali ta' l-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

11. Illi fl-essenzjalità taghha l-procedura odjerna qed tigi utilizzata biex tistieden lill-qorti tasal ghall-konkluzjoni li fl-operat taghha, s-socjetà intimata kisret il-ftehim kollettiv u l-klawsoli rigwardanti l-procedura dixxiplinari naxxenti mill-istess ftehim;

12. Illi konsegwenza ta' tali dikjarazzjoni allura jkollhom jithassru d-decizjonijiet già mehuda mill-Bord tad-Dixxiplina u tal-Bord ta' l-Appell in kwistjoni;

13. Illi stabbilit dan, ir-rikorrenti jitlob finalment li jigi risarcit lilhu d-danni minnhu allegatament subiti minhabba l-istess;

Ikkunsidrat:

14.0. Illi rigward il-kostituzzjoni tal-Bord ta' Dixxiplina u tal-Bord ta' l-Appell in dizamina jinghad sintetikament is-segwenti:

14.1. Illi dan hu determinat mill-paragrafu 5 ta' dokument intitolat *Procedure for the Administration of Discipline*, (ara foll 62), li hu naxxenti mill-ftehim kollettiv datat l-13 ta' Gunju, 2013, (ara foll 11);

14.2. Illi dan jistipula sintetikament is-segwenti:

14.2.1. Illi l-Bord hu responsabbli li jismà kazi ta' dixxiplina ta' certu gravità;

14.2.2. Illi hu kompost minn tlett (3) persuni;

14.2.3. Illi l-hatra ta' l-istess hi stabbilita li tkun bil-mod segwenti:

14.2.3.i. Illi l-membri huma mahtura mis-socjetà intimata u mill-*union*;

14.2.3.ii. Illi s-socjetà intimata tahtar ukoll lic-*Chairman* tal-Bord tad-Dixxiplina;

14.2.4. Illi c-*Chairman* ikun mahtur minn numru ta' persuni appozitament maghzula minn qabel bi ftehim bejn is-socjetà intimata u l-*Union*;

14.2.5. Illi l-komposizzjoni tal-Bord ta' l-Appell hi wkoll regolata bl-istess regolamenti u:

14.2.5.i. Tikkonsisti f'persuna wahda;

14.2.5.ii. Illi f'kull kaz tigi maghzula mis-socjetà intimata minn fost numru li jkun già mahsub li huma kapaci jassumu tali responsabbilità;

14.2.5.iii. Illi l-persuna maghzula tkun già miftehma minn qabel bejn is-socjetà intimata u l-*union*;

Ikkunsidrat:

15. Illi f'dan ir-rigward ir-rikorrenti jilmenta mill-fatt li l-ghazla tac-*Chairman* maghzul hi ristretta *stante* li in-numru li hemm hekk appuntati huma biss tnejn (2) u konsegwentement meta wiehed minnhom ikun mahtur mis-socjetà intimata bhala *Chairman* fl-ewwel Bord, l-iehor ikollu per konsegwenza bilfors jigi mahtur *Chairman* fil-Bord ta' l-Appell;

16. Illi f'dan ir-rigward ghandu jinghad li l-ghazla tal-persuni hekk maghzula biex jespletaw dawn il-karigi pjuttost sensittivi hu riflessjoni pedissewka tal-ftehim kollettiv milhuq bejn il-protagonisti hemm involuti u tad-dokument specifikament redatt biex jistabilixxi bi precizjoni dik il-procedura li l-istess protagonisti ikkoncertaw flimkien biex imexxu l-mizuri dixxiplinari tant importanti ghat-tmexxija tajba u retta ta' kwalunkwe azjenda;

17. Illi l-Bord ta' Dixxiplina ghandu jkun kompost minn tlett (3) persuni, wiehed nominat mis-socjetà intimata, iehor mill-*Union*, bl-istess socjetà intimata tinnomina wkoll lic-*Chairman* tal-istess Bord, (ara paragrafu numru 5.1. a foll 62);

18. Illi l-Bord ta' l-Appell hu kompost minn persuna wahda nominat mis-socjetà intimata minn fost numru ta' persuni meqjusa *idonei* ghal din il-kariga u a prioristikament maqbula u accettati ghal din il-kariga kemm mis-socjetà intimata, kif ukoll mill-*Union*, (ara paragrafu 5.2. a foll 62);

19. Illi f'dan ir-rigward l-istess protagonisti jaqblu li fl-operat taghhom kemm il-Bord ta' Dixxiplina kif ukoll il-Bord ta' l-Appell hekk minnhom stabbiliti fid-dokument li jirregola l-proceduri dixxiplinari anness mal-ftehim kollettiv, ghandhom jespletaw l-inkarigi taghhom b'mod li jkunu konformi mal-principji tal-gustizzja naturali, (ara paragrafu 5.3. a foll 62);

Ikkunsidrat:

20.0. Illi ghal dak li ghandu x'jaqsam mal-komposizzjoni taz-zewg (2) Bordijiet in dizamina r-rikorrenti jidher li qed jilmenta minn zewg (2) kwistjonijiet, senjatament:

20.1. Illi membru minn dawk maghzula fil-Bord ta' Dixxiplina inzerta wkoll kunsulent ta' l-istess socjetà intimata;

20.2. Illi l-ghazla tal-Bord ta' l-Appell hi ristretta ghal zewg (2) persuni li jalternaw skont il-kaz;

Ikkunsidrat:

21. Illi fir-rigward ta' l-ewwel lanjanza indikata fil-paragrafu precedenti din il-kwalifika ta' kunsulent tas-socjetà intimata ma tirrizultax li tiskwalifika lill-inkombenti milli jkun nominat biex jaghti s-servizz tieghu fir-rigward;

22. Illi wisq anqas ma tiskwalifika lis-socjetà intimata milli tinnomina u tappunta lill-persuni li jidhrilha xierqa u idonei ghal din il-kariga;

23.0. Illi dan qieghed jinghad bi kjarezza *stante*:

23.1. Illi s-socjetà intimata ma tirrizultax li giet ristretta f'dan l-ambitu ta' l-operat taghha mill-ftehim kollettiv jew mid-dokument li jistabilixxi l-procedura ta' dixxiplina *de quo*;

23.2. Illi f'dan ir-rigward l-istess dokument li jistabbilixxi l-procedura ta'dixxiplina fil-fatt jaghmilha cara li f'dan ir-rigward huma l-membri tal-Bord ta' Dixxiplina u tal-Bord ta' l-Appell li ghandhom l-obbligu li jharsu l-principji ta' gustizzja naturali – u hadd aktar – lanqas is-socjetà intimata;

24.0. Illi f'dan ir-rigward ghandu jkun pacifiku li kull ftehim kollettiv hu ekwivalenti ghall-kuntratt normali li ghalih ukoll japplikaw ir-regoli civili dwar l-effetti taghhom, fosthom:

24.1. Illi kuntratti maghmula skont il-ligi ghandhom is-sahha tal-ligi ghal dawk li ghamluhom, (ara artiklu 992(i) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta);

24.2. Illi l-kuntratti ghandhom jigu esegwiti bil-bona fidi, u jobbligaw mhux biss ghal dak li jinghad fihom, izda wkoll ghall-konsegwenzi kollha li ggib maghha l-obbligazzjoni skont ix-xorta taghha, bl-ekwità, bl-uzu

jew bil-ligi, (ara artiklu 993 ta' l-istess Kap indikat fil-paragrafu precedenti);

25. Illi ghalhekk ghandu jigi sottolineat li a bazi ta' l-istess ftehim kollettiv in dizamina huma l-Bord ta' Dixxiplina u l-Bord ta' l-Appell li huma statutorjament marbuta biex iharsu l-principji tal-gustizzja naturali;

26. Illi kif qalet din l-istess qorti fl-atti tal-mandat t'inibizzjoni fl-istess ismijiet tal-kawza odjerna, Rikors Numru 587/12 datat il-21 ta' Mejju, 2012: (ara foll 204)

> "... ir-rabta fil-ftehim kollettiv dwar il-harsien tal-principji tal-gustizzja naturali torbot lill-persuni mahtura fil-Bord ta' Dixxiplina u fil-Bord ta' l-Appell, u mhux lil MIA fl-ghazliet taghha tal-hatra tal-persuni, sakemm dawk il-persuni jkunu ta' hila biex iwettqu l-hatra taghhom. Minn hemm 'il quddiem il-kwistjoni tithalla f'idejn il-bordijiet mahtura u l-MIA ma tindahalx, hlief biex tressaq il-kaz taghha, bhalma jkollu jedd jaghmel kull impjegat mixli", (ara foll 210 u 211);

27. Illi ghalhekk ghandu jkun pacifiku li fid-determinazzjoni tal-persuni li jintghazlu biex ikunu membri jew *Chairmen* tal-Bordijiet *de quo*, is-socjetà intimata nghatat l-akbar latitudini possibbli biex hi, u hi biss, taghzel persuni li hi tqis *idonei* ghal tali karigi;

28. Illi dan id-dritt jirrizulta kjarament pattwit fil-ftehim kollettiv, u allura l-ghazliet tas-socjetà intimata maghmula fuq tali bazi, huma ghazliet legittimi;

Ikkunsidrat:

29. Illi rigward iz-zewg (2) *Chairmen* nominati biex jiddeterminaw decizjonijiet fil-livell t'appell minn decizjoni tal-Bord ta' Dixxiplina, jinghad sintetikament is-segwenti:

29.1. Illi hu minnhu li fil-fazi partikolari ta' meta bdew il-proceduri in dizamina jirrizulta li kien hemm biss zewg (2) persuni nominati biex jokkupaw din il-kariga;

29.2. Illi konsegwentement jirrizulta assodat li bhala effett dirett ta' l-istess dawn iz-zewg (2) *Chairmen* spiccaw jalternaw lil xulxin;

30. Illi r-rikorrenti jilmenta minn dan il-fatt u jimplika li minhabba f'hekk dawn iz-zewg (2) protagonisti involuti jippruvaw jiddefendu d-decizjonijiet ta' xulxin b'detriment ghall-ahjar amministrazjoni tal-principji tal-gustizzja naturali li huma obbligati li jppromwovu;

Ikkunsidrat:

31. Illi f'dan ir-rigward, ghalkemm ir-rikorrenti jipprezenta din l-allegazzjoni serja fil-konfront ta' l-istess protagonisti, jonqos milli jipprezenta provi fir-rigward;

32. Illi però *a contrario sensu* jirrizulta assodat li tul din is-saga kollha li issa ilha sejra s-snin, ir-rikorrenti qatt ma intavola l-ebda ilment f'dan ir-rigward u hu biss issa meta din is-saga qed tersaq ghat-tmiem logiku taghha, li qed tigi indirizzata din il-lanjanza;

33. Illi *nonostante ciò* l-ebda prova ta' manipulazzjoni ma ngiebet fir-rigward u konsegwentement il-lanjanza *de quo* qed tittiehed ta' li hi – tentattiv meskin ta' assassinju karatterjali intiz biex jiggwadanja b'mod illegittimu dak li ma jappartjenix lir-rikorrenti;

Ikkunsidrat:

34.0. Illi fir-rigward tal-fatt li l-Bordijiet *de quo* huma obbligati jimxu skont il-principji ta' gustizzja naturali ghandu jinghad is-segwenti:

34.1. Illi effettivament dan il-principju filosofiku jittraduci ruhhu fi principju effettivament utilitarju li permezz tieghu tigi garanatita procedura amministrattiva gusta;

34.2. Illi tali principji ghalhekk jikkontrollaw, mhux id-decizjoni finali li eventwalment tittiehed, izda l-istess procedura li permezz taghha eventwalment tittiehed id-decizjoni in dizamina;

34.3. Illi ghalhekk il-procedura in dizamina hi aktar kwistjoni ta' teknika biex wiehed jasal ghal decizjoni finali milli kwistjoni ta' ezercizzju decizjonali finali *ut sic*;

34.4. Illi ghalhekk li qieghed jigi effettivament indirizzat f'dan l-ambitu huma l-elementi veri tal-process xieraq u kif dan gie sussegwentement sancit u approfondit kemm fil-Kostituzzjoni ta' Malta kif ukoll fil-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem li hi wkoll bi dritt, parti mill-ligi lokali;

34.5. Illi dan l-aspett ta' gustizzja procedural hu essenzjali biex jigu stabbiliti d-drittijiet sostantivi ta' lanjant li javvicina lill-qrati f'dan ir-rigward;

34.6. Illi però, ghalkemm giet intavolata din il-lanjanza serja, r-rikorrenti jonqos li jgib provi fir-rigward u l-eqreb li jasal f'dan id-dawl hu meta jinsinwa li ghaliex membru tal-Bord ta' Dixxiplina kien qallu li r-rikorrenti hu kollu inkwiet, allura dan kien pregudikat kontra tieghu;

34.7. Illi f'dan ir-rigward jinghad sintetikament is-segwenti:

34.7.1. Illi f'dak il-mument l-awtur ikkoncernat ma jirrizultax li kien qieghed jaqdi l-funzjonijiet tieghu ta' membru jew *Chairman* ta' xi wiehed mill-Bordijiet *de quo*, (ara foll 264);

34.7.2. Illi dan il-kliem intqal f'ambitu ta' procedura partikolari mill-hafna li kien hemm li jikkonvernaw lir-rikorrenti u kienet partikolarment fl-ambitu ta' procedura deciza f'Ottubru, 2006;

34.7.3. Illi l-istess kliem jesprimi biss attitudini esasperata rigwardanti persuna li l-attitudini taghha fi hdan is-socjetà *de quo* tirrizulta verament inpenjattiva;

34.7.4. Illi l-istess ma jirrifletti l-ebda negattività fir-rigward tar-rikorrenti;

34.7.5. Illi *di fatti* tul in-numru konsiderevoli ta' proceduri li r-rikorrenti kellu f'dan il-kamp u li fihom kien ikun rinfaccat mill-istess protagonista in dizamina, r-rikorrenti qatt ma ssottometta xi ilment fir-rigward;

Ikkunsidrat:

35. Illi rigward ic-*Chairmen* nominati fil-Bord ta' l-Appell jinghad biss li r-rikorrenti ma jilmentax mill-operat taghhom izda biss mill-fatt li ghaliex huma tnejn (2) biss, allura jispiccaw jiddeciedu fuq decizjonijiet ta' xulxin;

36. Illi f'dan ir-rigward gie spjegat li dan il-ftehim kollettiv kien ghadu fl-istadji bikrin tieghu u l-partijiet kien ghandhom qed jesploraw l-inkluzjoni ta' persuni *idonei* ohra;

37. Illi l-operat ta' l-istess *Chairmen* ma giex attakkat mir-rikorrenti u ghalhekk, il-lanjanza in dizamina qed tittiehed biss bhala tentattiv fjakk t'insinwazzjoni irrilevanti u lanqas biss tressqu provi fir-rigward;

Ikkunsidrat:

38.0. Illi in vista tal-premess din il-qorti hi sodisfatta li r-rikorrenti naqas li jipprova t-talbiet tieghu skont il-ligi, u konsegwentement:

**DECIDE:**

38.1. Filwaqt li takkolji r-risposti kollha ta' l-intimati fuq indikati;

38.2. Tirrespingi t-talbiet kollha tar-rikorrenti;

38.3. Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

_________________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**Decizjoni Finali**